BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 09/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2011 fis-2.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/11 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/10 -* Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk daħal bi sħab fi proġett Euromed Marenostrum ma' tim minn Florence. Dawn ser jagħmlu *heritage trail* b'postijiet ta' interess għat-turisti. Minħabba li l-proġett tagħhom ser jinkludi wkoll postijiet ta' interess f'Birżebbuġa qed jitolbu l-kunsens tal-Kunsill Lokali sabiex idaħħlu d-dettalji ta' dawn il-postijiet fil-mappa kif ukoll permess sabiex jitwaħħlu tabelli indikattivi f'Birżebbuġa bil-permess tal-MEPA. Il-Kamra ddiskutiet dan il-proġett u qablet li taċċetta din il-proposta bil-kundizzjoni li jinġiebu l-permessi kollha tal-MEPA fejn hu meħtieġ. Dan il-proġett ser iżid it-turiżmu fil-lokal.

*02/10 -* Il-Kunsill Lokali għamel talba lil MFA sabiex tħalli l-*fence* li ntuża għal *beach soccer* imwaħħal fil-Bajja s-Sabiħa sabiex jibqa' jintuża minn Nursery tal-futbol tal-lokal. L-MFA aċċettat din il-proposta għal ħlas ta' €5310. Il-Kunsill ħass li din kienet somma kemmxejn għolja u ma aċċettax li jħallas din is-somma, pero' talab li dan il-*fence* jingħata bħala donazzjoni lin-*nursery* tal-lokal li tagħmel parti mill-YFA fi ħdan l-MFA. L-MFA ma laqetx din it-talba u neħħiet il-*fence* in kwistjoni. Is-Sindku fakkar lill-Kamra li hemm permess fil-proċess il-MEPA, PA 03861/10 jirreferi, li meta jinħareġ ser isir il-manutenzjoni u l-bdil neċessarju fil-grawnd bil-fondi tal-UIF.

***AĠENDA -3***

Tressqet fuq il-mejda tal-Kamra il-proposta għall-applikazzjoni taħt l-iskema ta' Memo 66/2011 – Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-*Playing-fields*. Il-Kamra wara diskussjoni unanimament qablet ma' din il-proposta. Ukoll J.Baldacchino ippropona li l-*playing-field* ta' Triq Santa Katarina jiġi magħluq b'*fence* u jinfetaħ u jingħalaq bil-ħin. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

B.Pace issuġġeriet lill-Kamra sabiex issir applikazzjoni għal *picnic area* fil-Bajja s-Sabiħa taħt l-iskema ta' Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġett Speċjali 2011. Din il-*picnic area* ser tkun tinkludi *gazebos* tal-injam li jikkumplimentaw lill-*gazebos* eżistenti, *picnic tables*, *landscaping, cameras* u dwal. Il-Kamra qablet ma' dan is-suġġeriment.

***AĠENDA -5***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €63,082.11 titħallas skond Skeda Nru. 10/11.

***AĠENDA -6***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

    - għal Memo 89/2011- Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund il-Kunsill ser jorganizza *Fun run* għat-Tfal fit-13 ta' Diċembru 2011 u ikla għall-familji fis-17 ta' Diċembru 2011. Il-flus li jinġabru minn dawn l-attivitajiet ser imorru b'risq il-Malta Community Chest Fund. B.Pace ser torganizza u tieħu ħsieb dawn l-attivitajiet.

    - fis-Sala tal-Kunsill ser ikunu provduti b'xejn għar-residenti korsijiet bit-titlu ta' 'Six Thinking Hats' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2011 u t-Tnejn, 7 ta' Novembru 2011. Dawk interessati għandhom japplikaw il-Kunsill jew fuq il-kuntatti tal-*posters*. Dan il-kors ser isir bħala parti minn riċerka tal-Universita'.

    - l-amministrazzjoni qed tieħu ħsieb taġġorna u tirrispondi l-paġna tal-Kunsill fuq *facebook*. L-amministrazzjoni kemm jista' jkun ma tgħaddix kummenti imma tagħti fatti li għandu x'jaqsam max-xogħol tal-Kunsill.

2. T.Roberts informa l-Kamra dwar laqgħa li kellu fir-rigward ta' Measure 125 mal-GAL Xlokk. Din il-miżura qed tagħti l-opportunita' lill-Kunsilli fi ħdan dan il-grupp sabiex japplikaw, sa massimu ta' €30,000 ta' fondi ewropej sabiex intejbu toroq u passaġġi li jwasslu għal art agrikola u rziezet. Is-Sindku issuġġerixxa żewġ passaġġi fl-*area* ta' Sanserna u Sansajna. Il-Kamra qablet li għandna napplikaw għal dawn iż-żewġ passaġġi. Ukoll T.Roberts informa l-Kamra li f'Novembru ser jattendi Seminar Abruzzo mal-GAL Xlokk, finanzjament totali tal-GAL Xlokk.

3. B.Pace fakkret lill-Kamra li reġa' wasal iż-żmien sabiex jiġi ppubblikat il-fuljett. Bħas-snin preċedenti J.Baldacchino ssuġġerixxa li jsir fuljett bir-ritratti tal-ħames snin ħidma ta' din il-leġislatura b'rapport qasir li jiġbor fih il-ħames snin sħaħ. S.Cuschieri ma qablitx ma' din il-proposta u ssuġġeriet li għandu jinkiteb artiklu minn kull Kunsillier biex iwassal il-messaġġ tiegħu. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandu jinħareġ fuljett bir-ritratti ta' ħames snin ħidma u rapport wieħed li jinkorpora kollox fih. Is-Sindku saħaq li fir-rapport jitniżżel li l-Kunsill dejjem għamel li seta' għal ġid tar-residenti u kull fejn weħel dejjem għaliex kien hemm dewmien min-naħa tal-dipartimenti.

4. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li xi żmien ilu l-Kunsill kellu japplika sabiex issir *zebra crossing* fi Triq San Ġorġ għan-nies li jkunu ġejjin min-naħa tal-Qajjenza. Issa li bdiet l-iskola din iz-*zebra crossing* hemm bżonnha. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li l-applikazzjoni saret lil

Transport Malta pero' fid-dawl li fl-istess żona jitla' l-ilma baħar u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mad-Domestic Road Construction & Maintenance Unit fi ħdan ir-Roads & Infrastructure Directorate – Transport Malta f'dan ir-rigward, il-Kunsill ippropona lil Transport Malta li din iż-*zebra crossing* tiġi nkorporata mal-pjanti li qed jitħejjew min-naħa tal-Perit Graziella Galea. Transport Malta qablet ma' din il-proposta. Pero' sal-lum għadna nistennew il-pjanti min-naħa tad-Direttorat.

5. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li qed ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti li l-*Bring-in-bins* ta' Triq ir-Raddiena, Triq iċ-Ċief, Triq Sant'Anġlu u Triq il-Gżira mhux qed jintużaw sewwa min-nies u qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ. Il-Kunsill dejjem għadda dawn l-ilmenti lill-Kuntrattur u azzjoni dejjem ittieħdet sabiex dawn il-*bins* jitnaddfu. Pero' li l-kuntrattur inaddaf il-madwar darbtejn fil-ġimgħa mhux biżżejjed. Il-kuntrattur ukoll ma aċċettax li jsiru *cameras* fuq dawn is-siti sabiex nippruvaw inrażżnu l-abbuż. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex dawn il-*bins* jitneħħew. J.Baldacchino issekondah. S.Cuschieri ma qablitx ma' din il-mozzjoni u saħqet li għandha tinħareġ *warning* lill-kuntrattur kif ġara f'każi oħra. R.Zahra qal li hu kien ilu li talab li l-*Bring-in-bins* ta' Triq iċ-Ċief għandhom jitneħħew pero' dan qatt ma sar. Ukoll staqsa għaliex issa ser inneħħu erba' siti f'daqqa. Il-Kamra ma laħqitx qbil u għaldaqstant il-Kamra għaddiet għall-vot. B'erba' voti favur u tlieta kontra l-mozzjoni għaddiet.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-15.45pm. Seduta oħra ser issir nhar, it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2011 fil-5.30pm. .

.

| | |
|---|---|
| **........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |